IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2012
COM(2012) 739 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Segwitu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE tat-12 ta' Lulju 2011 indirizzat lill-Greċja bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-deficit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv**

**(Novembru 2012)**

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**Segwitu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE tat-12 ta' Lulju 2011 indirizzat lill-Greċja bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-deficit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv**

**(Novembru 2012)**

### 1. DAĦLA

Din il-Komunikazzjoni tivvaluta l-miżuri implimentati mill-Greċja sabiex tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE kif emendata dwar sal-2012/211/UE tat-13 ta' Marzu 2012[1]. Flimkien mar-Rapport tal-Konformità tal-persunal tal-Kummissjoni, imħejji flimkien mal-BĊE[2], il-Komunikazzjoni tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-Konformità mal-Memorandum ta' Qbil (MoU)[3] fil-kuntest tal-finanzjament lill-Greċja mill-Istati Membri taż-żona tal-euro, permezz tal-Faċilità Ewropea ta'Stabilità Finanzjarja (EFSF). Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq it-Tbassir tal-Ħarifa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni ddettaljata magħmula fir-reviżjoni tal-programm ta'aġġustament ekonomiku, mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mal-FMI u l-persunal tal-BĊE.

### 2. ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAT-13 TA' MARZU 2012

Fit-13 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta Deċiżjoni, skont l-Artikoli 126(9) u 136 tat-TFUE, indirizzata lill-Greċja bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-deficit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv sal-2014. Din id-Deċiżjoni nnifisha emendata bid-Deċiżjoni ta' Lulju 2011[4], li kienet riformulata biex tikkonsolida bosta emendi konsekuttivi tad-Deċiżjoni 2010/320/UE tal-10 ta' Mejju 2010.

Id-Deċiżjoni ta' Marzu 2012 ġiet adottata fil-bidu tat-tieni programm ta' aġġustament għall-Greċja. Id-Deċiżjoni esiġiet li l-Greċja tadotta għadd ta' miżuri speċifiċi bil-għan li jintlaħaq deficit primarju tal-amministazzjoni pubblika ta' mhux aktar minn 1% tal-PDG fl-2012, u surplus primarju ta' mill-inqas 1.8% ta' PDG fl-2013 u 4.5% tal-PDG fl-2014. Wara l-iskambju tad-dejn PSI, dawn il-miri kienu konsistenti ma' deficit kumplessiv ta' 7.3% tal-PDG fl-2012; 4.7% tal-PDG fl-2013, u 2.2% tal-PDG fl-2014. Sabiex jintlaħqu dawn il-miri, kien meħtieġ titjib fid-deficit baġitarju strutturali ta' mill-inqas 10 % tal-PDG tul il-perjodu 2009-14.

---

1 ĠU L 113, 25.4.2012, p. 8.

2 'The Economic Adjustment Programme for Greece – November 2012,' *European Economy– Occasional Paper* Il-qarrej għandu jirreferi għal dak id-dokument għal valutazzjoni aktar dettaljata tal-iżviluppi fir-riforma makroekonomika, finanzjarja, fiskali u strutturali.

3 Memorandum ta' Politiki Ekonomiċi u Finanzjarji, u Memorandum ta' Qbil dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika ta' Marzu 2012.

4 Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 296, 15.11.2011, p. 38).

## 3. AMBJENT MAKROEKONOMIKU ĦAFNA AKTAR DGĦAJJEF

L-attività ekonomika hija attwalment ipproġettata li se tkun ferm iktar dgħajfa milli kien mistenni meta ġiet adottata d-Deċiżjoni 2012/734/UE f'Marzu 2012. L-ekonomija Griega hija fil-ħames sena konsekuttiva ta' riċessjoni. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2012 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-PDG reali huwa mbassar li jonqos b’6.0 % fl-2012, u b’4.2 % fl-2013 – meta mqabbel ma’ 4.7% u 0.0% rispettivament fid-Deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti, segwit nibb tkabbir ta’ 0.6 % biss fl-2014, u 2.9 % u 3.7 % fl-2015 u fl-2016 rispettivament. B’kuntrast ma' dan, id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta’ Marzu 2012 kienet ibbażata fuq it-tkabbir mill-ġdid li jibda diġà mill-2013. Il-PDG nominali huwa mbassar li jonqos b’5.4 % fl-2013, meta mqabbel mat-tnaqqis previst ta’ 0.4 % biss f’Marzu - qabel ma jespandi b'0.2 %, 3.2 % u 4.9 % fl-2014, fl-2015 u fl-2016 rispettivament.

Meta mqabbel mat-tbassir disponibbli f’Marzu, it-Tbassir tal-Ħarifa 2012 tas-Servizzi tal-Kummissjoni jipprojetta kontrazzjoni sostanzjalment ikbar u aktar persistenti fl-attività ekonomika fejn domanda domestika dejjem iżgħar hija aggravata mill-miżuri fiskali meħtieġa biex il-baġit Grieg jerġa' lura fuq perkors sostenibbli, u esportazzjonijiet netti dgħajfa. Diversi fatturi sottostanti jispjegaw dawn l-iżviluppi. L-ewwel nett, il-fiduċja kienet imminata minn inċertezza qawwija dwar is-sjieda politika tal-programm matul l-elezzjonijiet parlamentari doppji fir-rebbiegħa, li rriżultaw f’dewmien fl-implimentazzjoni tal-programm. L-inċertezza dwar il-qagħda tal-Greċja kompliet taffettwa l-fiduċja u żammet lura kwalunkwe żieda fl-investiment u l-esportazzjonijiet. It-tieni, ekonomija dinjija dejjem aktar dgħajfa kellha impatt fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi. It-tielet, l-effett ikkombinat tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programm u tal-iżborżi relatati, kif ukoll kundizzjonijiet ta' kreditu iktar stretti wara ħruġ konsiderevoli ta’ flus mis-settur bankarju, li rriżulta f’aċċess strett għall-kreditu mis-settur privat, aggrava l-kontrazzjoni kemm fl-investiment kif ukoll fil-konsum privat. Finalment, ir-reviżjoni ta’ dan l-aħħar tal-kontijiet nazzjonali Griegi f'Ottubru 2012, żvelat kontrazzjoni ħafna iktar b'saħħitha tal-PDG reali (il-produzzjoni reali naqset b'4,9 % fl-2010 u 7.1 % fl-2011), meta mqabbel maċ-ċifri sottostanti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (tnaqqis fil-produzzjoni ta' 3,5 % u 6,9 % rispettivament fl-istess sentejn).

**Tabella 1 Xenarju makroekonomiku**
**Karatteristiċi ewlenin (2011-2016)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (rata tat-tkabbir) | -7.1 | -6.0 | -4.2 | 0.6 | 2.9 | 3.7 |
| *Kontribuzzjoni għad-domanda domestika finali | -10.1 | -9.0 | -6.7 | -0.8 | 1.8 | 3.0 |
| Kontribuzzjoni netta tal-kummerċ | 2.4 | 3.3 | 2.5 | 1.5 | 1.1 | 0.8 |
| Impjieg (rata tat-tkabbir) | -5.6 | -7.9 | -2.1 | 1.4 | 2.0 | 3.0 |
| Rata tal-qagħad (perċentwal tal-ħaddiema) | 16.5 | 22.4 | 22.8 | 21.0 | 19.4 | 16.7 |
| Kumpens tal-impjegati, settur privat għal kull persuna | -3.9 | -8.9 | -9.5 | 1.9 | 2.2 | 2.5 |
| Kost ta' unità ta' impjieg (rata tat-tkabbir) | -2.4 | -8.7 | -5.0 | -0.4 | -1.0 | 1.0 |
| Inflazzjoni HICP | 3.1 | 1.1 | -0.8 | -0.4 | 0.6 | 1.1 |
| Inflazzjoni b'taxxi kostanti HICP | 1.2 | 0.2 | -1.3 | -0.6 | 0.5 | 1.1 |
| Bilanċ tal-kont kurrenti (perċentwali tal-PDG) | -11.7 | -8.3 | -6.3 | -5.2 | -3.4 | -2.1 |
| Teħid b'self nett vis-à-vis RoW (perċentwal tal-PDG) | -9.8 | -6.1 | -3.9 | -2.7 | -1.0 | 0.3 |
| Obbligazzjonijiet esterni netti (perċentwal tal-PDG) | -120.9 | -94.4 | -102.5 | -105.6 | -105.1 | -102.5 |
| Defiċit tal-Amministrazzjoni Pubblika (perċentwal tal-PDG) | -9.4 | -6.9 | -5.4 | -4.5 | -3.4 | -2.0 |
| Surplus primarju tal-amministrazzjoni pubblika (perċentwal tal-PDG) | -2.3 | -1.5 | 0.0 | 1.5 | 3.0 | 4.5 |
| Dejn tal-Amministrazzjoni Pubblika (perċentwal tal-PDG) | 170.6 | 176.8 | 189.4 | 190.1 | 184.7 | 175.7 |

** Minbarra bidla fl-inventarji u akkwist nett ta' oġġetti ta' valur*

*Sors* : Il-Kummissjoni Ewropea

# 4. TIĠI RIMEDJATA S-SITWAZZJONI TA' DEFIĊIT EĊĊESSIV

## 4.1. Il-Politika Fiskali fl-2012

Il-Greċja kienet ġie rrakomandat biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa meħtieġa biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2014, u b'hekk jiġi żgurat titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 10 punti perċentwali tal-PDG matul il-perjodu 2009-14. Il-Greċja ħadet azzjoni effettiva fl-2012 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-amministrazzjoni pubblika.

Id-defiċit fiskali tal-amministrazzjoni pubblika stess tjieb b'mod sinifikanti minn 15,6 tal-PDG fl-2009 għal 9,4 % tal-PDG fl-2011 u, skont il-valutazzjoni ddettaljata tal-persunal fir-Rapport tal-Konformità, għal 6,9 % tal-PDG fl-2012 b'defiċit primarju (defiċit li jeskludi n-nefqiet fuq l-intere) ta' 1,5 % tal-PDG. Għas-sena sħiħa, id-defiċit-ESA kumplessiv fl-2012 huwa għalhekk mistenni li jkun 0,4 punti perċentwali tal-PDG aħjar mis-7,3 % tal-limitu massimu tad-defiċit tal-gvern (abbażi ta' ESA95) għall-2012 stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill. F'termini nominali, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għall-2012 huwa mistenni li jilħaq EUR 13,4 biljuni meta mqabbel mal-limitu massimu ta' EUR14,8 biljuni preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Id-defiċit primarju madankollu huwa mistenni li jkun kemmxejn ogħla mill-1.0 % tal-PDG fil-mira, fid-dawl ta' riċessjoni iktar profonda milli kien mistenni.

Huwa stmat li l-Greċja tejbet id-defiċit strutturali tagħha[5] bi 13,9 punti perċentwali tal-PDG minn defiċit minn 14,7 % fl-2009 għal defiċit ta' madwar 1.5 % fl-2012. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2012 tas-Servizzi tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-baġit aġġustat ċiklikament se jitjieb bi 3,9 punti perċentwali tal-PDG fl-2012 biss. L-isforz fiskali sottostanti fl-2009-2012 huwa ikbar mill-10 % tal-PDG rakkomandat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-perjodu sħiħ 2009-2014.

Fid-dawl ta' attività ekonomika aktar dgħajfa, il-gvern adotta miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni li jillimitaw l-impatt tar-riċessjoni fuq il-finanzi pubbliċi. Dawn inkludew tnaqqis fil-pagi għal professjonijiet speċjali (l-imħallfin, il-pulizija, id-difiża u professuri tal-università) minn Awwissu 2012 u miżuri biex titnaqqas in-nefqa żejda fis-settur tas-saħħa. Barra minn hekk, il-Baġit ta' Investiment Pubbliku naqas b'marġini konsiderevoli. Din il-prestazzjoni kienet iffaċilitata bl-introduzzjoni ta' monitoraġġ u kontrolli baġitarji aħjar, l-introduzzjoni ta' bbaġitjar fuq medda ta' żmien medja u ta' riformi strutturali importanti fis-settur tal-kura tas-saħħa. Pagamenti ta' imgħax aktar baxxi milli mistennija b'madwar 1.0% tal-PDG għenu wkoll f'dan l-aġġustament.

Il-prestazzjoni fiskali nkisbet mingħajr żieda sinifikanti fl-arretrati. Għalkemm il-kriterju tal-prestazzjoni u mira indikattiva dwar in-nuqqas ta' akkumulazzjoni ta' arretrati tal-ministeri kkonċernati, tal-isptarijiet u tal-amministrazzjoni pubblika sal-aħħar ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru ma ntlaħqux (ara t-tabella 2), iż-żieda kumplessiva fl-arretrati ta' EUR 1.6 biljun mill-bidu tas-sena hija limitata. L-akkumulazzjoni tal-arretrati seħħet l-iktar fis-setturi tas-saħħa u tad-difiża.

---

[5] Bilanċ strutturali kif definit bħala bilanċ ċikliku annwali aġġustat nett mill-miżuri ta' darba u miżuri temporanji.

**Tabella 2. Kriterji kwantitattivi fiskali tal-prestazzjoni (biljuni ta 'EUR)**

| | l-aħħar ta' Marzu 2012 | | l-aħħar ta' Ġunju 2012 | | l-aħħar ta' Settembru 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Data | Kriterju | Data | Kriterju | Data | Kriterju |
| **Kriterji tal-prestazzjoni** | | | | | | |
| Bilanċ primarju tal-flus tal-Amministrazzjoni Pubblika | 1.2 | -2.5 | -2.5 | -6.0 | -1.8 | -5.0 |
| Nefqa primarja tal-Istat | 13.1 | 13.9 | 26.4 | 29.2 | 37.9 | 43.1 |
| Limitu massimu tal-akkumulazzjoni ta' arretrati domestiċi ġodda mill-Isptarijiet u l-Ministeri kkonċernati | 0.5 | 0.0 | 0.7 | 0.0 | 0.9 | 0.0 |
| Dejn tal-Amministrazzjoni Ċentrali | 289.9 | 340.0 | 308.0 | 340.0 | | 340.0 |
| ċentraliNew guarantees granted by the central | 0.0 | 0.0 | -0.2 | 0.0 | | 0.0 |
| **Mira indikattiva** | | | | | | |
| Limitu massimu fuq l-akkumulazzjoni ta' arretrati domsetiċi ġodda mill-Amministrazzjoni Pubblika | 0.8 | 0.0 | 1.9 | 0.0 | | 0.0 |

*Sors* : Is-servizzi tal-Kummissjoni.

Skont il-valutazzjoni ddettaljata tal-persunal fir-Rapport tal-Konformità, id-dejn ikkonsolidat tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jonqos b'EUR 11.1 biljun fl-2012 meta mqabbel ma' EUR 26.957 biljun stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Dan huwa minħabba dħul mill-privatizzazzjoni aktar baxx milli mistenni, konsolidazzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika aktar baxx milli mistenni u ħlasijiet-kontabbiltà bbażati fuq id-dovuti (cash-accruals) agħar milli mistennija u aġġustamenti oħra tal-imgħax. Minħabba PDG nominali aktar baxx wara reviżjoni tad-dejta statistika u fid-dawl ta' prospetti makroekonomiċi agħar, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG x'aktarx se jiżdied fl-2012 għal 162.5 %.

## 4.2. Aġġustament tal-perkors fiskali fuq terminu medju ta' żmien

Minħabba r-riċessjoni ekonomika iktar profonda u itwal milli mistenni, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda lill-Kunsill biex jestendi l-perkors ta' aġġustament fiskali b'sentejn u biex jistabbilixxi l-miri għall-kontijiet fiskali tal-Ġreċja għall-2013-2016, li għandhom ikunu definiti abbażi tal-bilanċ primarju f'termini nominali.

Wara defiċit primarju ta' EUR 2,925 miljuni (1.5 % tal-PDG) fl-2012, fl-2013, il-Ġreċja għanda tilħaq bilanċ primarju u surpluses primarji ta' EUR 2,775 miljun fl-2014 (1.5 % tal-PDG), ta' EUR 5,700 miljun fl-2015 (3 % tal-PDG) u ta' EUR 9,000 miljun fl-2016 (4.5 % tal-PDG) (ara t-tabella 3). Il-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri rivedutijammontaw għal EUR 9.2 biljuni fl-2013 b'EUR4.3 biljuni addizzjonali fl-2014. Il-perkors rivedut ifisser li l-bilanċ baġitarju tal-amministrazzjoni pubblika għandu jonqos taħt it-3 % tal-PDG fl-2016.

**Tabella 3. Bilanċ Primarju u Bilanċ tal-Amministrazzjoni Pubblika 2013-2016**

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Miri ta' Marzu għal reviżjoni | | | | | |
| Bilanċ tal-Amministrazzjoni P | -7.3 | -4.7 | -2.2 | | |
| Bilanċ Primarju | -1.0 | 1.8 | 4.5 | | |
| | | | | | |
| Miri riveduti | | | | | |
| Bilanċ tal-Amministrazzjoni P | -6.9 | -5.4 | -4.5 | -3.4 | -2.0 |
| Bilanċ Primarju | -1.5 | 0.0 | 1.5 | 3.0 | 4.5 |

*Sors* : Is-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-perkors fiskali ġdid jikkorrispondi ma' titjib fil-bilanċ primarju aġġustat ċiklikament għall-proporzjon tal-PDG minn 4.1 % fl-2012 għal 6.2 % fl-2013, 6.4 % fl-2014 u tal-anqas 6,4 % tal-PDG fl-2015 u l-2016[6]. Se jittieħdu miżuri mill-awtoritajiet tul il-proċessi baġitarji regolari matul is-snin li ġejjin. Ta' min jinnota, madankollu, li l-projezzjonijiet dwar id-diskrepanza fiskali li jifdal fi snin imbiegħda huma minnhom infushom inċerti u, fil-biċċa l-kbira, jiddependu fuq is-saħħa tal-irkupru kif ukoll fuq rendimenti minn titjib fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali.

## 4.3. Miżuri ta' konformità fiskali taħt l-MTFS 2013-16

Sabiex tinġieb fi tmiemha l-qagħda attwali ta' defiċit eċċessiv mill-aktar fis possibbli skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE, l-awtoritajiet Griegi ħadu passi deċiżivi biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom fl-2013 u fl-2014, billi adottaw l-baġit għall-2013 u l-Istrateġija Fiskali fuq Terminu Medju 2013-2016.

Fil-11 ta' Novembru 2012, ġie adottat il-baġit għall-2013 mill-Parlament Grieg, inklużi miżuri ta' konsolidazzjoni ta' dħul u nfiq ta' aktar minn EUR 9.2 biljuni, aktar minn 5% tal-PDG, bil-għan li jitnaqqas id-defiċit primarju fl-2013. Il-baġit għall-2013 jifforma parti mill-Istrateġija Fiskali fuq Terminu Medju (MTFS) 2013-2016 li ġiet adottata mill-Parlament Grieg ftit jiem qabel, fis-7 ta' Novembru 2012.

-MTFS u l-leġiżlazzjoni rilevanti biex timplimentaha stabbilixxew konsolidazzjoni fiskali mdaqqsa u antiċipata imsejsa fuq sett komprensiv ta' miżuri strutturali. L-aġġustament fiskali kumplessiv għall-2013-2014 jammonta għal madwar 7.2 % tal-PDG, fejn il-miżuri fl-2013 jirrappreżentaw 2/3 ta' dan l-isforz ta' konsolidazzjoni. Dan għandu jwitti t-triq għall-kisba ta '4.5% tal-PDG pożittiv primarju u' 2.0% tal-PDG fid-defiċit tal-gvern sa l-2016. F'termini ta' kwalità, il-biċċa l-kbira tal-aġġustament tikkonsisti f'miżuri ta' nfiq li se jitwettqu kmieni fil-programm.

Il-Baġit għall-2013, l-MTFS u miżuri individwali ġew diskussi fid-dettall mill-awtoritajiet Griegi mas-servizzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-programm ta' Aġġustament Ekonomiku u l-assistenza finanzjarja li l-Greċja qed tirċievi. Dawn id-diskussjonijiet kkunsidraw il-miżuri

[6] Iċ-ċifri ekwivalenti għall-bilanċ aġġustat ċiklikament tal-amministrazzjoni pubblika huma stmati li huma 1.3 % tal-PDG fl-2012, 0.7 % tal-PDG fl-2013, u 0.4 % tal-PDG fl-2014.

ta' konsolidazzjoni fiskali flimkien ma' riformi li dawn jinvolvu, bil-għan li tinkiseb korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv, sostenibbiltà tal-perkors tad-dejn iżda wkoll biex jitqiesu l-implikazzjonijiet għat-tkabbir u s-soċjetà Griega. Matul dawn id-diskussjonijiet, kienu meqjusa l-kunsiderazzjonijiet soċjali u r-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri (pereżempju riformi tal-pensjonijiet pruvaw jipproteġu lill-pensjonanti bl-iktar dħul baxx).

Il-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali jkopru l-firxa sħiħa ta' attività tal-gvern, fejn l-oqsma ewlenin jinkludu:

- **Sostenibbiltà msaħħa tas-sistema tal-pensjonijiet, billi tnaqqas l-ispiża tal-pensjonijiet u jiġu antiċipati l-effetti sħaħ tar-riforma tal-pensjoni.** Il-miżuri dwar il-pensjonijiet huma mistennija li jiġġeneraw iffrankar ta' madwar EUR 5.3 biljun matul l-2013-14, madwar 2.8 % tal-PDG. Dawn jirrappreżentaw madwar 2/5 tal-pakkett globali għall-2013-2014. Dawn il-miżuri jtemmu s-sensiela ta' riformi li bdew fl-2010 bir-riforma tal-pensjonijiet biex jikkumpensaw għaż-żidiet rapidi ħafna fil-pensjonijiet osservati tul il-perjodu 2000-2009. L-età pensjonabbli ġenerali se tiżdied minn 65 għal 67 b'bidliet proporzjonali fil-limiti ta' età għal kważi l-kategoriji kollha ta' pensjonanti, u dan ikun jantiċipa element tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2010 li oriġinarjament kien mistenni li jibda fl-2015. Il-bonusijiet staġjonali kollha fuq pensjonijiet prinċipali u supplimentari se jiġu eliminati, filwaqt li l-ammont ta' kull xahar tal-pensjonijiet prinċipali u supplimentari għal kull benefiċjarju se jitnaqqas progressivament (bejn EUR 1000 – EUR 1500 b'5 fil-mija; EUR 1500-EUR 2000 b'10 fil-mija EUR 2000-EUR 3000 b'15 fil-mija u aktar minn EUR 3000 b'20 fil-mija). Se jkun hemm ukoll tnaqqis f'benefiċċji ġodda fl-għamla ta' somma f'daqqa għal impjegati pubbliċi u għall-SSFs kollha. Pensjonijiet għal reġimi tal-pagi speċjali se jonqsu wkoll wara tnaqqis fil-pagi u l-eliminazzjoni ta' promozzjonijiet tal-pagi awtomatiċi. Miżuri oħrajn jinkludu żieda fil-kontribuzzjonijiet għall-bdiewa, tnaqqis fil-pensjonijiet tal-persunal elett, l-introduzzjoni ta' eżami tal-mezzi għall-pensjonijiet ta' kategoriji speċifiċi ta' benefiċjarji, l-eliminazzjoni ta' benefiċċji ta' pensjoni speċjali ta' trejdjunjonisti u kontroverifiki ta' benefiċċji tal-pensjoni.

- **Tnaqqis permanenti tan-nefqa fuq pagi tas-settur pubbliku**. Wara li ġiet osservata żieda sostanzjali fil-perjodu 2000-2009 u wara tnaqqis sinifikanti fil-pagi mwettaq fil-passat, il-gvern issa qed jippjana sensiela oħra ta' tnaqqis permanenti fil-pagi ta' madwar EUR 1.3 biljun (0.7 % tal-PDG) matul l-2013-14. Din il-kategorija ta' ffrankar tirrappreżenta 10 % ta' pakkett fiskali kumplessiv għall-2013-2014. Ir-razzjonalizzazzjoni tan-nefqa fuq pagi ta' impjegati f'reġimi speċjali tal-pagi (imħallfin, diplomatiċi, tobba, professuri, forzi armati u pulizija, persunal tal-ajruport, u segretarji ġenerali), se titwettaq permezz ta' tnaqqis progressiv fil-pagi ta' kull xahar b'effett mill-1 ta' Awwissu 2012 (bl-iskeda li ġejja għat-tnaqqis marġinali: 2 fil-mija taħt l-EUR 1000; 10 fil-mija għal EUR 1000-1500; 20 fil-mija għal EUR 1500-2500; 30 fil-mija għal EUR 2500-4000; u 35 fil-mija għal aktar minn EUR 4000). Dan it-tnaqqis imbagħad se jkun ikkomplementat fl-2014 bl-eliminazzjoni ta' promozzjonijiet tal-pagi awtomatiċi għall-forzi armati li mistennija jrendu tal-anqas EUR 88 miljun fis-sena. Miżura importanti oħra hija l-eliminazzjoni ta' bonusijiet staġjonali ta' impjegati mal-gvernijiet statali u lokali u fl-entitajiet legali tad-dritt pubbliku u privat, flimkien mas-sospensjoni tal-pagament tal-bonus għall-prestazzjoni fis-settur pubbliku kollu għall-perjodu 2013-2016.

- **Miżuri oħra relatati mal-pagi** jinkludu r-razzjonalizzazzjoni tan-nefqa tal-Istat fuq pagi (inkluż tnaqqis fin-nefqa fuq il-pagi ta' konsulenti mediċi, u reklutaġġ iffriżat fil-Ministeru għall-Protezzjoni taċ-Ċittadini u l-Ministeru tal-Edukazzjoni), l-applikazzjoni ta' qafas uniformi tal-pagi għall-impjegati pubbliċi sal-persunal parlamentari, l-abolizzjoni ta' eċċezzjonijiet mir-riforma tal-qafas tal-pagi tas-settur pubbliku introdotta fl-2011. L-MTFS timmira li tnaqqas wkoll in-nefqa fuq il-pagi tal-gvern lokali. Il-ħaddiema tas-settur pubbliku wkoll qed jitnaqqsu billi jonqos ir-reklutaġġ ta' akkademiċi professjonali, ta’ għalliema mhux permanenti kemm fil-livell ta’ edukazzjoni sekondarja kif ukoll f'universitajiet u kulleġġi tekniċi u permezz ta' tnaqqis ulterjuri ta' kuntratti ta’ terminu fiss b'10 fil-mija. Fl-aħħarbnett, 27 000 impjegat tas-servizz pubbliku se jitqiegħdu fl-iskema ta' mobbiltà sa Novembru 2013, inkluż bl-abolizzjoni ta' pożizzjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' impjegati jew assoċjati ma' entitajiet magħluqa/magħquda u billi jiġu indizzati każijiet dixxiplinari (anke permezz ta’ tkeċċijiet diretti). 2000 minn dawn l-impjegati diġà ġew ittrasferiti fl-iskema f'Novembru 2012

- **Ir-razzjonalizzazzjoni tal-benefiċċji soċjali (għajr il-pensjonijiet) hija mistennija li twassal għal iffrankar ta' madwar EUR 300 miljun (0.2 % tal-PDG) matul l-2013-14.** Il-miżuri adottati jinkludu r-razzjonalizzazzjoni ta' benefiċċji għal dawk mhux assigurati, l-introduzzjoni ta' eżami tal-mezzi għal benefiċċji tal-familji, tnaqqis fis-sussidji għall-bdiewa, żieda fil-kundizzjoni tal-età għal dawk li jirċievu suppliment wara verifika tal-introju għal pensjonijiet baxxi (EKAS), tnaqqis f'benefiċċji speċjali tal-qgħad, razzjonalizzazzjoni tal-benefiċċji ta' trasportazzjoni għal kategoriji magħżula ta' pazjenti, għandhom l-għan li jtejbu l-immirar u l-impatt reali tal-benefiċċji soċjali fuq dawk il-familji b'introjtu baxx, b’konformità mar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mis-sħab fl-assistenza teknika (OECD). Il-miżuri se jsaħħu ir-rekwiżiti biex wieħed jirċievi assistenza soċjali filwaqt li se jtejbu l-immirar tagħhom lejn is-setturi l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà. Il-pakkett jinkludi wkoll l-introduzzjoni ta’ żewġ programmi soċjali ġodda, bil-għan li jtaffu l-impatt ta' rati għolja ta' qgħad u kontrazzjoni fl-introjtu disponibbli fuq il-popolazzjoni.

- **Tnaqqis fl-ispejjeż u titjib fl-effiċjenza fil-kura tas-saħħa inkluża n-nefqa farmaċewtika.** Iffrankar fl-ispejjeż fin-nefqa farmaċewtika jammonta għal madwar 2/3 ta' dan it-tnaqqis kumplessiv fil-kura tas-saħħa li jammonta għal madwar EUR 1.0 biljun (0.6% tal-PDG) matul l-2013-14. Iffrankar li jirriżulta minn żvilupp ulterjuri ta' inċentivi u obbligi li jintużaw mediċini ġeneriċi, struttura riveduta ta' kopagament għall-mediċini, bl-eżenzjoni ta' għadd ristrett biss ta' mediċini relatati ma' trattamenti terapewtiċi speċifiċi, ir-reviżjoni regolari tal-prezzijiet tal-mediċini abbażi tat-tliet pajjiżi tal-UE bl-iktar prezzijiet baxxi, u l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' restituzzjoni awtomatika għall-produtturi tal-farmaċewtiċi. Dawn tal-aħħar se jiggarantixxu li n-nefqa farmaċewtika għall-pazjenti ta' barra ma tissuperax il-miri ta' EUR 2 440 miljun fl-2013 u EUR 2 000 miljun fl-2014, biex tkun konformi mal-mira globali ta’ 1.0 % tal-PDG sal-2014, filwaqt li jinżammu l-provvisti għall-pazjenti. Tnaqqis fin-nefqa tal-isptarijiet, żieda fil-kopagamenti fl-isptarijiet u fil-preskrizzjonijiet ta' mediċini mill-2014 'il quddiem u r-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk tal-isptarijiet se jikkontribwixxu wkoll lejn tnaqqis fin-nefqa.

- **Tnaqqis fin-nefqa operazzjonali tal-gvern.** Miżuri ta' madwar EUR 239 miljun fl-2013 u EUR 225 miljun addizzjonali fl-2014 li jammontaw għal madwar 0.5 biljun (0.3 % tal-PDG) jinkludu l-implimentazzjoni gradwali tal-akkwist elettroniku għall-

amministrazzjoni pubblika kollha hemm hi, tnaqqis ta' 25 fil-mija b'infiq diskrezzjonali mhux fuq pagi, tnaqqis fis-sussidji lil-laneċ interni u f'għotjiet lil Fondi Ekstrabaġitarji barra l-amministrazzjoni pubblika, l-eliminazzjoni ta’ għotjiet lit-trejdjunjins tal-bdiewa marbuta mal-assistenza fl-applikazzjoni tal-għajnuna finanzjarja mill-UE u l-issikkar tar-regola ta’ nfiq għall-Fond Ekoloġiku.

- **Tnaqqis u rikonfigurazzjoni tan-nefqa operazzjonali relatata mad-difiża.** It-tnaqqis fl-2013-2014 fl-akkwist militari jammonta għal madwar EUR 340 miljun, li jikkomplementa tnaqqis f'akkwist ta' tagħmir militari diġà implimentat fil-passat. Miżuri oħrajn jinkludu tnaqqis fin-nefqa operazzjonali permezz tal-għeluq ta' kampijiet militari u tnaqqis fir-reklutaġġ tal-akkademji militari. Huwa mistenni ffrankar ta' madwar EUR 400 miljun (0.2 % tal-PDG) matul l-2013-2014.

- **Il-promozzjoni ta' ffrankar u monitoraġġ aktar b'saħħtu tal-intrapriżi tal-istat (SOEs),** permezz ta' żieda fid-dħul, tnaqqis fit-trasferimenti lil SOEs barra l-Amministrazzjoni Pubblika, spejjeż operazzjonali u tal-persunal (permezz tal-armonizzazzjoni tal-grilja tal-pagi għall-intrapriżi tal-istat kollha ta' dritt pubbliku ma' dak fis-seħħ fil-bqija tas-settur pubbliku), għal ammont totali ta' aktar minn EUR 350 miljun matul l-2013-14 (0.2 % tal-PDG). Sabiex ikun żgurat li jintlaħaq dak l-iffrankar, ġie introdott sal-2013 qafas ġdid ta' monitoraġġ u infurzar li se jiffissa miri speċifiċi għar-riżultati finanzjarji ta’ kull SOE u jimponi sanzjonijiet għall-infurzar u jipprevjeni kwalunkwe devjazzjonijiet mill-mira.

- **Tnaqqis tal-ispejjeż u titjib fl-effiċjenza fin-nefqa għall-edukazzjoni** b’mill-inqas EUR 86 miljun fl-2013, u EUR 37 miljun addizzjonali mill-2014 'il quddiem, permezz ta’ tnaqqis fil-finanzjament għal entitajiet barra mill-baġit tal-Amministrazzjoni Pubblika għall-edukazzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk ta’ istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni ogħla u tnaqqis fl-ispejjeż tal-amministrazzjonijiet ċentrali u reġjonali tal-edukazzjoni. Dan it-tnaqqis fl-ispejjeż jeħtieġ li jkun konformi mal-Pjan ta’ Azzjoni għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistema edukattiva li l-Gvern huwa impenjat li implimenta u ma għandux ikollu impatt negattiv fuq l-introduzzjoni mingħajr intoppi ta’ riformi fl-edukazzjoni kofinanzjati mill-Fondi Strutturali tal-UE.

- **Tnaqqis fit-trasferimenti statali lill-gvernijiet lokali**, permezz ta' tnaqqis fit-trasferimenti għal spejjeż u investiment ordinarji tal-gvernijiet lokali għal total ta' EUR 220 miljun fl-2013-14. Sabiex tiġi infurzata l-kisba ta' dan l-iffrankar, il-patt ta' stabbiltà intern ibbażat fuq baġits ibbilanċjati huwa msaħħaħ permezz tat-twaqqif ta’ sistema ta’ monitoraġġ tal-ispejjeż tal-muniċipalitajiet, l-iffissar ta' diżinċentivi ekonomiċi f'każ ta' devjazzjonijet minn miri intrannwali, u t-tneħħija tal-possibilità ta' finanzjament tad-defiċit. L-iffrankar mistenni huwa ta' mill-inqas EUR 100 miljun fl-2013 u EUR 120 miljun addizzjonali mill-2014 'il quddiem (0.1 % tal-PDG matul il-perjodu 2013-14).

- **Tnaqqis fin-nefqa kapitali** (investiment pubbliku ffinanzjat domestikament, u għotjiet relatati mal-investiment) għal total ta' EUR 300 miljun matul il-perjodu 2013-2014, 0.2% tal-PDG). Biex jitnaqqas l-impatt negattiv fuq il-PDG ta’ dan it-tnaqqis, il-gvern impenja ruħu li jnaqqas il-proġetti li jkollhom anqas valur miżjud u speċjalment dawk inqas intensivi mil-lat tal-kapital.

- **Riforma komprensiva tat-tassazzjoni diretta u tal-amministrazzjoni tat-taxxa u żidiet fit-taxxi, immirati biex jindirizzaw id-distorsjonijiet eżistenti.** Dan is-sett ta' miżuri jirrappreżenta kważi ¼ tal-pakkett kumplessiv u għandu l-għan li jiġbor EUR 1 668 miljun fl-2013 u EUR 1 820 miljun mill-2014 'il quddiem (1.9 % tal-PDG). Qed tiġi introdotta riforma importanti tat-taxxa li għandha twassal għal iffrankar ta' kważi EUR 1.6 biljun fl-2014. Ir-riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa għandha tappoġġja wkoll ġbir tat-taxxa aktar b'saħħtu. Fost miżuri ta' taxxa oħrajn hemm żidiet fit-tariffi għall-kawżi l-qorti, żieda fit-taxxa fuq l-assi tas-sidien tal-bastimenti, tnaqqis fir-rifużjonijiet tal-VAT għall-bdiewa, it-tnaqqis fis-sussidju fuq id-dazju tas-sisa tad-diżil pprovdut lill-bdiewa, l-ekwalizzazzjoni tat-taxxa tas-sisa fuq LPG u żejt tad-diżil tal-muturi billi tiżdied it-taxxa fuq l-LPG, l-ekwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (billi jiżdied il-limitu massimu għal impjegati li ġew impjegati l-ewwel darba qabel l-1993 għal dak tal-impjegati li ġew impjegati għall-ewwel darba wara l-1993), riforma tat-taxxa tas-sisa fuq it-tabakk, tiġi imposta tassazzjoni ta' 30 % fuq id-dħul gross mil-logħob tal-OPAP, 10 fil-mija fuq rebħiet minn lotteriji u żieda fir-rata tat-taxxa fuq l-imgħax mit-tfaddil minn 10 sa 15%.

**Il-kwalità ġenerali tal-miżuri inklużi fl-MTFS hija għolja.** L-MTFS twassal għal korrezzjoni permanenti f'dawk l-entrati tan-nefqa li esperjenzaw żieda eċċessiva mis-sena 2000. L-MTFS timplika bidla sostanzjali fil-kompożizzjoni tal-infiq 'il bogħod mill-infiq fuq intitolamenti u pagi, bi tnaqqis fil-pensjonijiet u l-pagi pubbliċi li jammontaw għal madwar 2/3 tar-rendimenti totali tal-pakkett. Parti mit-tnaqqis fin-nefqa operazzjonali kien imsejjes fuq miżuri strutturali, bħall-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku u l-mobbiltà ta' persunal u reviżjoni funzjonali komprensiva tal-amministrazzjoni ċentrali. Flimkien mal-aġġustament fil-pensjonijiet u l-pagi, il-pakkett jinkludi wkoll politiki vijabbli għalkemm inqas sodi bħal tnaqqis f'investimenti domestiċi. Minkejja dan it-tnaqqis, investiment iffinanzjat domestikament huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti fuq terminu medju ta' żmien. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-MTFS ma tinkludix iffrankar li x'aktarx ikun ġġenerat minn għadd ta' miżuri amministrattivi, għax dan jinkludi passi aktar kumplessi ta' implimentazzjoni u b'hekk huma soġġetti għal riskji ogħla ta' twettiq. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri madankollu hija kruċjali biex tiżdied aktar l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u dawn se jkunu parti tal-Memoranda ta' kooperazzjoni bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeri kkonċernati l-oħra.

**Tabella 4. Miżuri fiskali fl-MTFS 2013-14**

| *(impatt kumulattiv, % tal-PDG)* | **2013** | **2014** |
|---|---|---|
| *Ristrutturazzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika* | 0.1 | 0.3 |
| *Gvernijiet Subnazzjonali* | 0.0 | 0.1 |
| *Nefqa fuq il-Pagi tas-Settur Pubbliku* | 0.6 | 0.7 |
| *Pensjonijiet* | 2.6 | 2.8 |
| *Benefiċċji Soċjali* | 0.1 | 0.2 |
| *Saħħa* | 0.2 | 0.6 |
| *Difiża* | 0.2 | 0.2 |
| *Edukazzjoni* | 0.0 | 0.1 |
| *Razzjonalizzazzjoni tal-SOEs* | 0.1 | 0.2 |
| *Razzjonalizzazzjoni tal-PIB* | 0.1 | 0.2 |
| *Tibdiliet fis-sistema fiskali* | 0.9 | 1.9 |
| **Total tal-Pakkett** | 5.1 | 7.2 |

*Sors:* Is-servizzi tal-Kummissjoni.

## 4.4. Miżuri strutturali b'rilevanzi baġitjarja

Barra minn hekk u biex jiġu appoġġjati l-miżuri ta' politika fiskali deskritti fit-taqsima preċedenti, il-Greċja ħadet għadd ta' miżuri ta' politika strutturali b'rilevanza baġitarja.

Il-pjan ta' privatizzazzjoni jirrappreżenta sors ta' dħul potenzjali sinifikanti biex jintuża għat-tnaqqis tad-dejn, iżda s'issa ma ġġenerax id-dħul mistenni. Il-programm ġie interott miż-żewġ elezzjonijiet, iżda reġà nkiseb ċertu momentum minn Settembru 2012. Id-dħul kumulattiv sa Diċembru 2012 huwa mistenni li jkun biss madwar EUR 1.7 biljun, għalkemm diversi assi huma mistennija li jkunu lesti għall-bejgħ fl-ewwel nofs tal-2013. Il-parlament dan l-aħħar abolixxa s-sehem tad-deheb (25%) f'kumpaniji tal-Istat li se jiġu privatizzati fis-snin li ġejjin, li jista' jżid ir-rikavat mistenni minn uħud minn dawn l-assi. Id-dħul kumulattiv mill-privatizzazzjoni sa tmiem l-2013 huwa mistenni li jkun madwar EUR 3.4 biljuni, li jitla'għal EUR 10.4 biljuni sa tmiem l-2016. Dubji dwar l-effettività tal-governanza tal-proċess ta' privatizzazzjoni madankollu jkomplu jippersistu, li talbu t-twaqqif ta' inċentivi aħjar li jwasslu għal rikavat ogħla, filwaqt li jikkontribwixxi għal prattiki industrijali aħjar, aktar investiment u l-ħolqien nett tal-impjiegi.

**Tabella 5. Dħul Mistenni mill-Privatizzazzjoni**

| Sa tmiem: | Dħul kumulattiv minn Ġunju 2011 (EUR biljuni) |
|---|---|
| 2012 | 1.7 |
| 2013 | 4.1 |
| 2014 | 6.0 |
| 2015 | 8.0 |
| 2016 | 10.4 |

**Riforma komprensiva tat-taxxa fuq l-introju** se twessa' l-bażi tat-taxxa u b'hekk taqsam b'mod aktar ekwu il-piż tat-taxxa. Ir-riforma hija mistennija li tidħol fis-seħħ minn Jannar 2013 bl-impatt baġitarju sħiħ mistenni li jimmaterjalizza fl-2014**.** Ir-riforma, li oriġinarjament kellha tiġi adottata qabel fil-ħarifa tal-2011, issa hija inizjattiva konkreta, li hija mistennija li tkun pożittiva mil-lat ta' dħul (aktar milli newtrali mil-lat ta' dħul kif kien ippjanat oriġinarjament). Implikazzjonijiet mil-lat tad-dħul mit-taxxi tar-riformi tqiesu fl-MTFS. Ir-riforma tat-taxxa tiffoka fuq sistema ġdida tat-taxxa għal dawk li jaħdmu għal rashom, li ma tippermettix iżjed benefiċċju fiskali u fuq ir-riformar tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv minn dividendi għat-tassazzjoni fuq il-profitti. Ir-riforma tat-taxxa għandha l-għan ukoll li telimina reġimi speċjali tat-taxxa u nefqa fuq it-taxxa sabiex jaqsmu l-piż tat-tassazzjoni b'mod aktar estensiv. Jeżistu xi riskji fil-finalizzazzjoni tar-riforma, billi hija mistennija xi oppożizzjoni mill-professjonijiet liberali u dawk li jaħdmu għal rashom.

**Is-sistema tal-pensjonijiet tibqa' tiġi rriformata.** B'mod partikolari, l-awtoritajiet diġà ħadu azzjoni permezz tal-adozzjoni riċenti ta' Liġi li ttirevedi s-sistema tal-pensjonijiet supplimentari. Il-Liġi twaqqaf fond uniku ġdid (ETEA) li fih ingħaqdu [kważi] l-fondi (numerużi) kollha. Tiddefinixxi wkoll formula ġdida, ibbażata fuq kalkolu attwarjament newtrali tal-benefiċċji tal-pensjonijiet (sistema ta' "kontribuzzjoni nozzjonali ddefinita") u biż-żieda ta' fattur ta' sostenibbilità biex jiggarantixxi s-sostenibbiltà fil-futur tas-sistema. Il-formula ġdida, issa fis-seħħ, hija applikata b'mod retrospettiv għal drittijiet tal-pensjoni akkumulati mill-2001 u se taffettwa l-pensjoni mħallsa minn Jannar 2015. . Pensjonijiet wisq ġenerużi fl-għamla ta' somma f'daqqa mal-irtirar kienu sostanzjalment limitati u l-gvern qed ifassal formula ġdida, attwarjament newtrali, għall-kalkolu tal-intitolamenti għal somom f'daqqa. Ix-xhur li ġejjin jeħtieġu sforzi qawwija sabiex tiġi implimentata r-riforma, b'mod partikolari l-aspetti organizzattivi tal-ETEA u t-twaqqif ta' fajls tal-pensjonijiet individwalizzati, possibbilment b'assistenza teknika minn Stati Membri oħra.

**Il-kura tas-saħħa tiġi ssimplifikata iktar.** Tissokta l-azzjoni dwar ir-riforma u f'Marzu 2012 seħħ impetu politiku importanti bl-adozzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kura tas-saħħa (il-Liġi 4052/2012) u ta' għadd kbir ta' Digrieti Ministerjali relatati. Politiki leġiżlati kienu diretti lejn 1) it-tnaqqis u, imbagħad, il-kontroll tan-nefqa fis-settur farmaċewtiku; 2) it-twaqqif ta' organizzazzjoni unika għall-assigurazzjoni tas-saħħa soċjali universali – EOPYY (National Organisation for the Provision of Health Services) u 3) ir-riforma tas-settur tal-isptarijiet. Il-miżuri implimentati s 'issa bdew jagħtu l-frott. Pereżempju, il-preskrizzjonijiet elettroniċi, llum jikkostitwixxu aktar minn 90% tal-preskrizzjonijiet kollha u s-sistema tkun tista' tipprovdi informazzjoni f'ħin reali għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni kontinwi. Wara perjodu ta' progress bil-mod rigward l-implimentazzjoni ta' xi miżuri (eż. l-aġġornament tal-listi tal-

prezzijiet u r-rimborż tal-mediċini, il-preskrizzjoni INN, il-ġbir ta' restituzzjonijiet), matul il-perjodu ta' qabel u ta'wara l-elezzjoni, l-awtoritajiet affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jimplimentaw riformi leġiżlati u pproponew diversi miżuri ġodda ta' politika.

**Għadhom għaddejjin riformi strutturali oħra**:

- Qed jittieħed sett ta' miżuri oħra biex jagħtu s-setgħa lir-**riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa** u li jsaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Is-sostituzzjoni tal-Kodiċi tal-Kotba u r-Rekords adottat fis-7 ta' Novembru 2012 u l-promulgazzjoni ta' kodiċi ta' proċedura fiskali modern mistenni f 'nofs is-sena 2013 huma kruċjali biex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tar-riformi tal-amministrazzjoni tat-taxxa u biex jitjieb l-ambitu tar-riforma tal-politika dwar it-taxxa. Qed jiġu implimentati diversi miżuri oħra biex jitjieb il-ġbir tat-taxxi: dawn jinkludu fokus imsaħħa fuq id-dħul kollettibbli tat-taxxi u regolamenti ġodda sabiex jinqatgħu djun mhux kollettibbli, filwaqt li pagamenti fi flus kontanti għandhom ikunu pprojbiti fl-uffiċċji tat-taxxa dwar il-korruzzjoni, il-gvern qed jippjana li jibda jimplimenta l-pjan kontra l-korruzzjoni u li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-whistleblowers, filwaqt li jiċċentralizza d-deċiżjonijiet dwar azzjonijiet dixxiplinari interni.

- **Il-gvern huwa determinat li jiżgura kontroll iktar strett fuq in-nefqa kollha tal-amministrazzjoni pubblika u ħa azzjoni importanti f'dan il-qasam**. Il-Ministeru tal-Finanzi għen biex jissaħħaħ il-monitoraġġ ta' impenji permezz tal-istabbiliment ta' reġistri ta' impenn f'entitajiet li jonfqu l-flus. Minkejja dewmien inizjali fit-twaqqif ta' mmaniġġjar istituzzjonali effettiv tal-finanzi pubbliċi, 72% tal-entitajiet tal-Amministrazzjoni Pubblika rrapportaw dejta permezz ta' reġistri ta' impenn f'Ġunju 2012 li tilħaq il-miri referenzjarji strutturali għal Ġunju. Il-kopertura issa hija mbassra għal 90% f'Diċembru 2012 peress li l-entità ewlenija li tipprovdi s-servizzi tal-kura tas-saħħa, EOPYY, se tibda tirrapporta dejta permezz portal elettroniku minn Ottubru 2012. EOPYY għandha ssir konformi bis-sħiħ f'termini ta' rappurtar tar-reġistru tal-impenn tagħha permezz tal-portal elettroniku. Is-sorveljanza fiskali tas-sigurtà soċjali u s-setturi tas-saħħa għandha titjieb.

- **Qed jissaħħu l-eżekuzzjoni tal-baġit u l-immaniġġjar fiskali sod, anke billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Ministeru tal-Finanzi.** Fis-17 ta' Novembru 2012, il-Kunsill tal-Ministri adotta att (li ġie adottat f'liġi fit-18 ta' Novembru] li jintroduċi: (i) Memoranda ta' Kooperazzjoni bejn il-Ministeru tal-Finanzi u Ministeri oħra jew bejn il-ministeri u l-amministraturi ta' entitajiet taħt superviżjoni tas-settur wiesa' tal-amministrazzjoni pubblika, li għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru ta 'kull sena; (ii) patt ta' stabbiltà intern għall-gvern lokali bbażat fuq limitazzjoni baġitarja bbilanċjata u li jinkludi mekkaniżmi korrettivi u ta' sanzjonar bħal tnaqqis awtomatiku fl-infiq li għandu jiġi applikat bħala regola meta l-miri huma mistennija li ma jintlaħqux; (iii) sistema msaħħa biex tissorvelja l-eżekuzzjoni tal-baġit ta' kull xahar għal intrapriżi tal-Istat (SOEs) b'sanzjonijiet għal dawk l-SOEs li ma jirrispettawx il-miri miftiehma; kif ukoll (iv) ċentralizzazzjoni msaħħa tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit li ssaħħaħ is-setgħat ta' koordinazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kontabilità tal-Gvern (Government Accounting Office (GAO)) fir-rigward tad-Direttorati Ġenerali tas-Servizzi Finanzjarji tal-ministeri kkonċernati. L-Att jipprovdi wkoll għas-sottomissjoni kull xahar tal-programm ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-eżekuzzjoni reali lid-Direttur Ġenerali tas-Servizzi finanzjarji li jkun qed jagħmel is-superviżjoni u lill-GAO (skont id-daqs tal-baġit tagħhom). L-Att jippermetti wkoll lill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jieħu miżuri korrettivi matul is-sena kontra l-

entitajiet kollha (minbarra l-SOEs u l-LGS) li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi baġitarji tagħhom, inkluża l-possibbiltà li jinġiebu taħt is-superviżjoni diretta tal-Ministeru tal-Finanzi.

## 5. KONKLUŻJONI

Il-Greċja ħadet azzjoni effettiva biex tirrimedja s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE Il-Ġreċja żgurat titjib fil-bilanċ strutturali fl-2010-2012 li diġà huwa ikbar tal-anqas mill-10 ounti perċentwali tal-PDG matul il-perjodu 2009-14 irrakkomandat mill-Kunsill. Huwa stmat li l-Greċja tejbet id-defiċit strutturali tagħha bi 13.9 punti perċentwali tal-PDG minn defiċit ta' 14.7 % fl-2009 għal defiċit ta' madwar 1.5 % fl-2012. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa pprojettat li tjieb minn 15.6% fl-2009 għal 6.9% tal-PDG fl-2012.

Fl-2012, il-Greċja ħadet miżuri biex trażżan id-defiċit. Sabiex is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha mill-aktar fis possibbli b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE, l-awtoritajiet Griegi wkoll ħadu passi deċiżivi biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom fl-2013 u 2014, billi adottaw il-baġit tal-2013 u l-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju 2013-2016. Il-baġit għall-2013 adottat mill-Parlament jinkludi miżuri addizzjonali ta' dħul u nfiq ta' aktar minn EUR 9.2 biljuni (aktar minn 5% tal-PDG). L-MTFS u l-leġiżlazzjoni rilevanti biex timplimentah jistabbilixxu konsolidazzjoni fiskali mdaqqsa ħafna u kkonċentrata fil-bidu b' sett komprensiv ta' miżuri strutturali sottostanti għal konsolidazzjoni fiskali sostanzjali. Dan għandu jwitti t-triq għall-kisba ta' 4.5% tas-surplus primarju tal-PDG u defiċit tal-gvern fil-livell ta' 2.0% tal-PDG sal-2016.

L-attività ekonomika hija attwalment ipproġettata li se tkun ferm iktar dgħajfa milli kien mistenni meta ġiet adottata d-Deċiżjoni 2012/734/UE f'Marzu 2012. Il-PDG reali huwa previst li se jonqos b'6.0 % fl-2012 u 4.2 % fl-2013, kontra 4.7 % u 0.0 % rispettivament fid-Deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti. Fir-rigward tal-previżjoni disponibbli għal Marzu, il-previżjonijiet kurrenti jirrappreżentaw tnaqqis sinifikatament ikbar u iktar persistent fl-attività ekonomika. Ix-xenarju ekonomiku li mar lura drastikament jimplika deterjorazzjoni korrispondenti tad-dehra tal-finanzi pubbliċi sakemm ma jinbidlux il-politiki.

Fl-isfond tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda lill-Kunsill biex jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sentejn sal-2016, biex jirrevedi l-miri fiskali li l-Greċja għandha tirrispettaw fl-2013 u l-2014 u tistabbilixxi miri ġodda għall-2015 u l-2016.

Dawn il-miri għandhom jiġu ddefiniti abbażi tal-bilanċ primarju tal-amministrazzjoni pubblika f'termini nominali. Għall-2012, id-defiċit primarju għandu jkun EUR 2,925 miljuni (1.5 % tal-PDG), għall-2013 il-bilanċ primarju għandu jkun EUR 0 (0 % tal-PDG), għall-2014 EUR 2,775 miljun (1.5 % tal-PDG), għall-2015 EUR 5,700 (3.0 % tal-PDG) u għall-2016 EUR 9,000 miljun (4.5 % tal-PDG), Il-perkors fiskali ġdid jimplika titjib fil-bilanċ primarju aġġustat ċiklikament għall-proporzjon tal-PDG minn 4.1 % fl-2012 għal 6.2 % fl-2013, u tal-anqas 6,4 % tal-PDG fl-2014, l-2015 u l-2016. Il-miri għall-bilanċ primarju se jkunu 5.4% tal-PDG fl-2013, 4.5% tal-PDG fl-2014, 3.4% tal-PDG fl-2015 u 2.0% tal-PDG fl-2016. Iċ-ċifri ekwivalenti għall-bilanċ aġġustat ċiklikament tal-amministrazzjoni pubblika huma stmati li huma 1.3 % tal-PDG fl-2012, 0.7 % tal-PDG fl-2013, u 0.4 % tal-PDG fl-2014. Iċ-ċifri ekwivalenti għad-defiċit aġġustat ċiklikament tal-amministrazzjoni pubblika mqabbla

mal-proporzjoni tal-PDG huma stmati li huma -1.3 % fl-2012, 0.7 % fl-2013, 0.4 % fl-2014, 0.0% fl-2015 u -0.4 % fl-2016 li jirriflettu l-profil tal-ħlasijiet tal-interessi.

Fi ħdan approċċ komprensiv li jissalvagwardja t-twettiq tal-impenji fiskali, l-oqsma ewlenin li qed jiġu msaħħa huma l-mekkaniżmi korrettivi u ta' sanzjoni, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, u s-sorveljanza. F'dan ir-rigward, qed jiġi implimentat it-titjib istituzzjonali meħtieġ. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn: it-tisħiħ tal-governanza u l-indipendenza tal-HRADF permezz mekkaniżmi ta' korrezzjoni awtomatiċi kull tliet xhur fil-proċess ta' privatizzazzjoni, fil-każ li ma jintlaħqux il-miri u riattivazzjoni tal-operat tal-Uffiċċju Parlamentari għall-Baġit billi jissaħħu r-reputazzjoni, l-indipendenza u l-kompetenza teknika tiegħu lejn kunsill fiskali totalment sħiħ (pereżempju provvediment/approvazzjoni ta'previżjonijiet għat-tħejjija tal-baġit, il-monitoraġġ tal-konformità ma' miri baġitarji u regoli fiskali, id-dispożizzjoni ta' valutazzjonijiet indipendenti tal-iżviluppi u l-isfidi fiskali, eċċ), li jibni fuq l-aħjar prattika internazzjonali.

Il-Gvern se jiżgura servizzi tad-dejn effettivi u fil-ħin u se jimmonitorja l-flussi tal-flus permezz ta' implimentazzjoni msaħħa tal-kont tas-servizz tad-dejn stabbilit bil-Liġi 4063/2012 (li stabbilixxiet kont segregat fil-Bank tal-Greċja). Skont il-liġi, l-iżborżi f'dan il-kont ma jistgħux jintużaw għall-ebda skop ieħor minbarra s-servizz tad-dejn, inkluża amortizzazzjoni u spejjeż għall-ħlas ta' interessi tas-selfiet kollha tal-HR, tranżazzjonijiet u derivattivi għall-immaniġġjar tad-dejn, kif ukoll titħallas kwalunkwe spiża parallela (tariffi u spejjeż oħra) relatata mas-servizz tad-dejn u b'mod ġenerali għall-Immaniġġjar tad-Dejn Pubbliku. Ir-rikavat ta' dan il-kont huwa l-iżborż tas-selfiet EFSF, suġġett għal avviż ta' aċċettazzjoni tal-EFSF, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tar-Repubblika Ellenika għas-servizz tad-dejn, inkluż id-dħul mill-privatizzazzjoni ta'assi Statali u tal-inqas 30% tad-dħul imprevist. Il-pagamenti kollha minn dan il-kont se jkunu suġġetti għal rappurtar iddettaljat minn qabel lill-EFSF/ESM u għal konferma ex-post mid-detentur tal-kont.

| ANNESS : MIŻURI MEĦTIEĠA MID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/734/UE TAT-13 TA’ MARZU 2012 | |
|---|---|
| ***l-Artikolu 1(1).*** Il-Greċja għandha ttemm is-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv li għandha bħalissa malajr kemm jista’ jkun u mhux aktar tard mill-iskadenza tal-2014. | **MHUX OSSERVATA** - Rakkommandazzjoni Ġġida li testendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2016. |
| ***l-Artikolu 1(2).*** Il-perkors ta’ aġġustament li jwassal għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv għandu jkollu l-għan li jikseb defiċit primarju tal-amministrazzjoni pubblika (id-defiċit li jeskludi n-nefqa fuq l-imgħax) li ma jaqbiżx EUR 2 037 miljun (1.0 % tal-PDG) fl-2012, u surpluses primarji ta’ mill-anqas EUR 3 652 miljun (1.8 % tal-PDG) fl-2013 u EUR 9 352 miljun (4.5 % tal-PDG) fl-2014. B’segwitu għall-iskambju ta’ dejn, dawn il-miri għad-defiċit/surplus primarju huma konsistenti ma’ defiċit kumplessiv ta' EUR 14 811 miljun (7.3 % tal-PDG) fl-2012, EUR 9 462 miljun (4.7 % tal-PDG) fl-2013 u EUR 4 499 miljun (2.2 % tal-PDG) fl-2014. Għal dan il-għan, tul il-perjodu 2009-2014, ikun inkiseb titjib fil-bilanċ strutturali ta’ mill-inqas 10 % tal-PDG. Ir-rikavat mill-privatizzazzjoni tal-assi (assi finanzjarji u mhux finanzjarji), kif ukoll it-trasferimenti kollha relatati mad-deċiżjoni tal-Eurogroup tal-21 ta’ Frar 2012 fir-rigward ta’ introjtu tal-banek ċentrali nazzjonal taż-żona tal-euro, inkluż il-Bank tal-Greċja, li jirriżultaw mill-parteċipazzjonijiet tagħhom fil-portafolli ta’ investiment ta’ bonds tal-gvern Grieg ma għandhomx inaqqsu l-isforz tal-konsolidazzjoni fiskali meħtieġ u ma għandhomx jitqiesu fil-valutazzjoni ta’ dawn il-miri. | **PARZJALMENT OSSERVAT** Fl-2012, skont il-valutazzjoni dettaljata tal-persunal fir-Rapport ta' Konformità, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jkun 6.9 % tal-PDG b'defiċit primarju ta' 1.5 % tal-PDG. Fl-2012, id-defiċit-ESA kumplessiv għalhekk huwa mistenni li jkun 0,4 punti perċentwali tal-PDG aħjar mis-7,3 % tal-limitu massimu tad-defiċit tal-gvern (abbażi ta' ESA95) għall-2012 stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Id-defiċit primarju madankollu huwa mistenni li jkun kemmxejn ogħla mill-1.0 % tal-PDG fil-mira, fid-dawl ta' riċessjoni iktar profonda milli kien mistenni. It-titjib kumulattiv 2009-2012,fil-bilanċ strutturali huwa mistenni li jkun 13.9 % tal-PDG meta mqabbel mal-10 % titjib immirat għall-2009-14. |
| ***l-Artikolu 1(3).*** Il-perkors ta’ aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 huwa konsistenti ma’ bidla annwali fid-dejn ikkonsolidat tal-amministrazzjoni pubblika ta’ EUR 26,954 miljun fl-2012, ta’ EUR 6 775 miljun fl-2013 u ta’ EUR 1 492 miljun fl-2014. | **MHUX OSSERVAT** - Id-dejn ikkonsolidat tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jonqos b'EUR 11.1 biljun fl-2012 meta mqabbel mas-EUR 26.957 biljun stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Dan huwa minħabba dħul mill-privatizzazzjoni aktar baxx milli mistenni, konsolidazzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika aktar baxx milli mistenni u ħlasijiet-kontabbiltà bbażati fuq id-dovuti (cash-accruals) agħar milli mistennija u aġġustamenti oħra tal-imgħax. |
| ***L-Artikolu 2(7a)*** Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin mingħajr dewmien: | |
| (a) tnaqqis fin-nefqa farmaċewtika b’tal-anqas b’EUR 1 076 miljun, fl-2012; | **OSSERVAT.**<br>Liġi 4052/2012 (Gazzetta Uffiċjali 41/A/01.03.2012) - Tnaqqis tal-prezzijiet tal-mediċini: Deċiżjoni Ministerjali |

| | |
|---|---|
| | YG/151/29.02.2012-Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>- Tnaqqas tal-prezzijiet tal-mediċini mingħajr privattiva: Deċiżjoni Ministerjali YG/151/29.02.2012-Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>Tnaqqis tal-prezzijiet ġeneriċi: Deċiżjoni Ministerjali YG/151/29.02.2012-Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>- Tnaqqis tal-prezzijiet mhux tad-ditta: Deċiżjoni Ministerjali YG/151/29.02.2012-Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>Jiżdiedu l-kopagamenti: Id-Deċiżjoni Ministerjali konġunta f42000oik2555/353/28.02.2012- Gazzetta Uffiċjali 497/28.02.2012.<br>Tnaqqis fil-marġni tal-ispiżjara u l-bejjiegħa bl-ingrossa: Deċiżjoni Ministerjali YG/151/29.02.2012-Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>- Preskrizzjoni obbligatorja mill-preskrizzjoni elettronika: Deċiżjoni Ministerjali YG/148/29.02.2012 Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>Protokolli obbligatorji: Deċiżjoni Ministerjali Y4a/29.02.2012 Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>- Rimborż għall-ispiżjara abbażi biss ta' preskrizzjoni elettronika: Deċiżjoni Ministerjali YG/148/29.02.2012-official Gazette 545/B/01.03.2012.<br>- Ribassi għal lista pożittiva: Deċiżjoni Ministerjali YG/151/29.02.2012-Gazzetta Uffiċjali 545/B/01.03.2012.<br>Ċirkularijiet li jitolbu aġġornament dwar il-baġits tal-isptarijiet u tal-fondi tas-sigurtà soċjali. F.80000/5368/1108/06.03.2012 u 22435/06.03.2012 u Id-Deċiżjoni Ministerjali konġunta y10/G.P. oik gy156/01.03.2012.<br>-Restituzzjoni: Deċiżjoni Ministerjali Gy 150/01.03.2012-Gazzetta Uffiċjali 681/B/08.03.2012 |
| (b) tnaqqis fi ħlas għas-sahra lit-tobba fl-isptarijiet tal-anqas b'EUR 50 miljun fl-2012; | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis fi ħlas għas-sahra lit-tobba: Liġi 4051/2012, Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012.<br>Ċirkolari ta' implimentazzjoni 2/17589/022/29.02.2012 |
| (c) tnaqqis fl-akkwist ta' materjal militari b'EUR 300 miljun (ħlasijiet u konsenji) fl-2012); | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis fl-akkwist ta'materjal militari: Liġi 4051/2012 Gazzetta |

| | |
|---|---|
| | Uffiċjali 40/A/29.02.2012 |
| (d) tnaqqis b'10 % fir-rimunerazzjoni ta' persunal elett u relatat fil-livell lokali fl-2012 u tnaqqis fl-għadd ta' viċi sindki u persunal assoċjat fl-2013 bil-għan li jiġu ffrankati tal-anqas EUR 9 miljun fl-2012 u EUR 28 miljun addizzjonali fl-2013; | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis ta'10% fir-remunerazzjoni tal-persunal elett u relatat: Liġi 4051/2012 Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012. It-tnaqqis fir-remunerazzjoni huwa immedjat.<br><br>Madanakollu t-tnaqqis fl-għadd ta' Viċi Sindki u persunal assoċjat se jsir effettiv biss fl-1 ta' Jannar 2013. |
| (e) tnaqqis fin-nefqa operazzjonali tal-gvern ċentrali, u nfiq relatat mal-elezzjonijiet, tal-anqas b'EUR 370 miljun (meta mqabbel mal-baġit tal-2012), li minnhom tal-anqas EUR 100 miljun f'nefqa operazzjonali b'rabta militari, u tal-anqas EUR 70 miljunfin-nefqa elettorali; | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis fin-nefqa operattiva u n-nefqa elettorali tal-gvern ċentrali: Liġi 4051/2012 Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012. Għalkemm saru bidliet leġiżlattivi, it-tnaqqis tan-nefqa f 'xi kategoriji kien ex-post u iżgħar milli oriġinarjament inklużi fil-programm minħabba l-fatt li xi nfiq mhux mistenni ma kienx paċut biżżejjed b'iffrankar ieħor (u b'hekk ikun jeħtieġ żieda tal-approprjazzjoni permezz tar-riżerva ta' kontinġenza). |
| (f) tnaqqis fin-nefqa operazzjonali mill-gvern lokali bil-għan li jiġu ffrankati tal-anqas EUR 50 miljun fl-2012; | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis fis-sussidji u l-għotjiet: Liġi 4051/2012 Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012 |
| (g) tnaqqis fis-sussidji lil residenti f'żoni remoti, u tnaqqis f'għotjiet lil diversi entitajiet taħt is-superviżjoni tal-ministeri, bl-għan li fl-2012 in-nefqa titnaqqas tal-anqas b'EUR 190 miljun; | **OSSERVAT.**<br>Żoni remoti: Id-Deċiżjoni Ministerjali konġunta 1411/25952/05.03.2012<br><br>Għotjiet Deċiżjoni Ministerjali li temenda l-baġit tal-Ministeru tal-Edukazzjoni F.1/A/137/23741/IB/06.03.2012, li temenda l-baġit ta' implimentazzjoni f.a/a9017022/16.02.2012, dwar għotjiet lil universitajiet għall-impjegati kuntrattwali tal-università f.a/g23736/IB/06.03.2012, dwar għotjiet lil universitajiet għan-nefqa operattiva 1/A/23740/IB/06.03.2012, dwar għotjiet lil universitajiet għan-nefqa għall-ikel għall-istudenti F.1/B 23738/IB/06.03.2012, dwar għotjiet lil skejjel tekniċi għal impjegati kuntrattwali, għan-nefqa operattiva u għall-ikel għall-istudenti 23734/IB/06.03.2012. |

| | |
|---|---|
| | Fuq il-baġit emendat tal-Ministeru tal-Kultura u t-turiżmu yppot/oikon/A1/19924/05.03.2012 |
| (h) tnaqqis fil-baġit tal-investiment pubbliku (PIB) b'EUR 400 miljun fl-2012. Dan it-tnaqqis fil-baġit tal-PIB mhuwa se jkollu l-ebda impatt fuq proġetti li huma kkofinanzjati mill-fondi strutturali (inklużi l-proġetti TEN-T); | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis fil-PIB: Liġi 4051/2012 Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012 |
| (i) bidliet f'fondi ta' pensjonijiet supplementari u f'fondi ta' pensjonijiet b'pensjonijiet medji għoljin jew li jirċievu sussidji għoljin mill-baġit, u tnaqqis f'pensjonijiet għoljin oħra, bl-għan li jiġu ffrankati tal-anqas EUR 450 miljun fl-2012 (netti wara li jitqies l-impatt fuq it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali); | **OSSERVATI.**<br>Bidliet il-liġi tal-pensjonijiet supplimentari 4051/2012 Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012.<br><br>Id-Deċiżjoni Ministerjali konġunta għall-Gazzetta Uffiċjali NAT 499/B/28.02.2012 |
| (j) tnaqqis fil-benefiċċji lill-familji għal dawk l-unitajiet domestiċi li għandhom introjtu għoli, bl-għan li jiġu ffrankati EUR 43 miljun fl-2012; | **OSSERVAT.**<br>Tnaqqis fl-allowances tal-familja Liġi 4052/2012 Gazzetta Uffiċjali 41/A/01.03.2012 |
| (k) deċiżjonijiet ministerjali biex tiġi kkompletata l-implimentazzjoni sħiħa tal-istruttura l-ġdida tal-pagi fl-entitajiet pertinenti kollha, u leġiżlazzjoni dwar il-modalitajiet għall-irkupru tal-pagi mħallsa żejda minn Novembru 2011. | **OSSERVATI.**<br>Grilja tal-pagi: Liġi 4051/2012 Gazzetta Uffiċjali 40/A/29.02.2012 Deċiżjoni Ministerjali Konġunta dwar il-persunal tal-uffiċċji ministerjali 2-16306/0022/23.02.2012 Gazzetta Uffiċjali 78/Yo/24.02.2012<br>- Deċiżjoni Ministerjali Konġunta dwar kuntratti b'terminu fiss 2-391/0022/17.02.2012 Gazzetta Uffiċjali B 414/23.02.2012 Deċiżjoni Ministerjali Konġunta dwar kompiti diffiċli Gazzetta Uffiċjali 465/B/24.02.2012<br>- Deċiżjoni Ministerjali konġunta dwar l-avukati Gazzetta Uffiċjali NAT 498/B/28.02.2012<br>- Deċiżjoni Ministerjali konġunta dwar ix-xjentisti speċjali ta' awtoritajiet indipendenti Gazzetta Uffiċjali 498/B/28.02.2012 |
| (l) l-emenda tal-Artikolu 3 u 21 tal-Liġi 4038/2012 sabiex jiġu riveduti l-kundizzjonijiet biex jiġu estiżi l-pjanijiet tal-ħlasijiet akkont ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali dovuti; il-pjanijiet tal-ħlasijiet akkont se japplikaw biss għall-ammonti eżistenti dovuti taħt EUR 10 000 għall-individwi u EUR 75 000 għall-korporazzjonijiet. Il-kontribwenti fiskali li japplikaw għal pjan estiż ta' ħlasijiet | **OSSERVATA.** |

| | |
|---|---|
| akkont għandhom jiżvelaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kollha tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxi; | |
| (m) liġi ta' qafas, b'reviżjoni profonda tal-funzjonament tal-fondi tal-pensjonijiet pubbliċi sekondarji/supplementari bl-għan li tiġi stabbilizzata n-nefqa tal-pensjonijiet, tiġi ggarantita n-newtralità baġitarja ta' dawn l-iskemi, u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistema fuq perjodu ta' żmien medju u twil. | **OSSERVATA.** |
| ***l-Artikolu 2(8).*** Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Marzu 2012: | |
| (a) riforma tal-iskemi tal-pensjonijiet sekondarji/supplementari mfassla b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentral Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali, u vvalidata mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika fir-rigward tal-impatt stmat tagħha fuq is-sostenibbiltà fuq perjodu ta' żmien twil. Il-parametri tas-sistema nazzjonali sekondarja l-ġdida tal-kontribuzzjonijiet iddefiniti jiżguraw bilanċ attwarjali fuq perjodu ta' żmien twil, kif ivvalutat mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali; | **OSSERVAT.** |
| (b) aġġustament fil-marġnijiet ta' profitt tal-ispiżeriji u l-introduzzjoni ta' marġnijiet ta' profitt rigressiv bl-għan li l-marġni ta' profitt kumplessiv jitnaqqas għal taħt il-15 %.; | **OSSERVAT U GĦADDEJ.** Liġi 4052/2012 ġiet adottata mill-Parlament. L-awtoritajiet neħħew il-marġinu ta' profittta' 6, 7 u 8% tal-ispiżeriji għal mediċini aktar minn 200 bħal fil-liġi 4052/2012 sal-aħħar ta' Settembru. Bħala riżultat, it-30 euro biss japplikaw għall-mediċini ta 'aktar minn 200 Euro. |
| (c) it-twettiq tat-tieni fażi tar-reviżjoni funzjonali eżistenti tal-programmi soċjali li jinkludu analiżi aktar iddettaljata tal-programmi speċifiċi, bl-għan li titnaqqas il-frammentazzjoni eċċessiva, ikun ġenerat l-iffrankar u jinħolqu l-effiċjenzi; | **GĦADDEJ** Ir-rapport tal-OECD dwar il-programmi soċjali għadu ma ġiex iffinalizzat u lanqas miftiehem mal-awtoritajiet Griegi. Madankollu, xi wħud mis-sejbiet kienu użati biex jinbidlul l-politiki dwar il-programmi soċjali. |
| (d) kopertura tal-atti mediċi kollha permezz ta' preskrizzjonijiet elettroniċi (mediċini, riferimenti, dijanjożi, kirurġija) kemm fil-faċilitajiet u l-forrnituri tas-sistema nazzjonali tas-saħħa (NHS) ikkuntrattati mill-EOPYY kif ukoll fil-fondi tas-sigurtà soċjali; produzzjoni ta' awditi ddettaljati kull xahar mill-faċilitajiet u l-forrnituri tal-NHS; assoċjazzjoni ta' rata iżgħar ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż mal-mediċini ġeneriċi li jkollhom prezz konsiderevolment orħos mill-prezz referenzjarju (anqas minn 60 fil-mija tal-prezz referenzjarju) abbażi tal-esperjenza ta' Stati Membri oħra; pubblikazzjoni mill-fondi tas-sigurtà soċjali ta' rapport annwali dwar preskrizzjonijiet tal-mediċini; adozzjoni mill- | **OSSERVATA U GĦADDEJJA** Ġew adottati l-Liġi 4052/2012 u Digriet Ministerjali rispettivi. Kopertura tal-preskrizzjonijiet elettroniċi tlaħħaq iktar minn 90% tal-preskrizzjonijiet ta' farmaċewtiċi. Is-sistema ta' preskrizzjonijiet elettroniċi għal konsulenzi u testijiet dijanjostiċi teżisti iżda l-kopertura tagħha għadha limitata u għadha mhix integrata ma' sistema oħra ta' preskrizzjoni elettronika. L-awtoritajiet qed jaħdmu mal-awtoritajiet Svediżi biex itejbu s-sistema ta' preskrizzjoni |

| | |
|---|---|
| isptarijiet kollha tar-reġistri ta' impenn. | elettronika. L-awtoritajiet se jgħaqdu d-dijanjożi elettronika mas-sistema ta'preskrizzjoni elettronika għal mediċini sa nofs Novembru.<br><br>**OSSERVATA U GĦADDEJJA.** EOPYY issa għandha aċċess ta' kuljum għall-preskrizzjoni elettronika tad-dejta u hija kapaċi tipproduċi rapporti dwar il-preskrizzjoni elettronika. L-awtoritajiet qasmu l-ewwel rapport sempliċi ħafna lfil-bidu ta' Ottubru.<br><br>**OSSERVATA U GĦADDEJJA.** Dwar is-sustanza, il-qsim tal-ispejjeż ikun inqas għall-irħas ġeneriċi kif jindikaw il-Liġi 4052/2012 u d-Digriet Ministerjali li l-irħas mediċini biss f'kull grupp INN se jkunu rimborżati u għall-oħrajn, il-pazjent għandu jħallas id-differenza fil-prezz. Fi kliem ieħor, il-prezz tal-orħos ġeneriku huwa l-prezz ta' referenza għar-rimborż. L-awtoritajiet introduċew sistema ta' prezz ta'referenza intern fil-livell ATC-4, flimkien mal-pubblikazzjoni tal-lista pożittiva f 'nofs Novembru.<br><br>**OSSERVATA U GĦADDEJJA.** L-awtoritajiet qed jipproduċu dejta u analiżi. L-awtoritajiet ipprovdew l-ewwel abbozz ta'rapport sa tmiem Settembru. L-istruttura u l-kontenut tar-rapport jeħtieġ li jitjiebu sostanzjalment.<br><br>**OSSERVATA U GĦADDEJJA.** Il-biċċa l-kbira tal-isptarijiet ġew assenjati kontrolluri interni. Rapport dwar l-attività tagħhom għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sal-aħħar ta' Novembru. |
| (e) bidla lejn sistema ċentralizzata ġdida ta' akkwist pubbliku ta' prodotti farmaċewtiċi u mediċini għall-NHS permezz ta' Kumitat tal-Koordinazzjoni tal-Provvisti bl-appoġġ tal-Kumitat tal-Ispeċifikazzjonijiet, bl-użu ta' sistema uniformi ta' kkodifikar għall-provvisti ta' mediċini u prodotti farmaċewtiċi; | **GĦADDEJJA.** Tnedew bosta offerti għal apparat mediku u mediċini użati fl-isptarijiet li jistgħu jrendu iffrankar importanti. |
| (f) sabiex ikun imsaħħaħ il-kontroll tan-nefqa, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tissimplifika l-proċedura għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' baġits supplimentari; il-kontinwazzjoni tal-proċess ta' stabbiliment ta' reġistri ta' impenn, li għandhom ikopru l-amministrazzjoni pubblika | **OSSERVATA PARZJALMENT** Kalendarju amministrattiv għall-aġġornament tal-istrateġija fiskali għal terminu medju ġie stabbilit fi Q1. L-MTFS ġiet adottata. L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tissimplifika l-proċeduri għas- |

| | |
|---|---|
| kollha; | sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' baġit supplimentari taħt diskussjoni mal-awtoritajiet.<br><br>**OSSERVATA U GĦADDEJJA.** Ċirkolari dwar reġistri ta' impenn għall-baġit tal-investiment maħruġ f'Marzu. 72% tal-unitajiet tal-infiq irrapportaw dejta mir-reġistri ta' impenn f'Lulju li tissodisfa l-bażi ta' referenza strutturali rilevanti (l-ieħor li jikkonċerna diskrepanzi bejn id-dejta rrappurtata permezz ta' stħarriġ u dawk minn reġistri ta' impenn ma ntlaħqux b'marġni żgħir). |
| (g)il-finalizzazzjoni tal-analiżi funzjonali li tinsab għaddejja bħalissa dwar il-programmi soċjali; | **TINSAB GĦADDEJJA.**<br>Ir-rapport tal-OECD dwar il-programmi soċjali għadu ma ġiex iffinalizzat u lanqas miftiehem mal-awtoritajiet Griegi. Madankollu, xi wħud mis-sejbiet kienu użati biex jinbidlu l-politiki dwar il-programmi soċjali. |
| (h) il-ħatra tal-membri tal-Awtorità Unika għall-Akkwist Pubblik (Single Public Procurement Authority (SPPA)); | **OSSERVATA.** |
| (i) l-identifikazzjoni tal-iskemi li għalihom jitħallsu somom f'daqqa malli wieħed jirtira ma jirriflettux il-kontribuzzjonijiet imħallsa, u l-aġġustament tal-ħlasijiet; | **MHUX OSSERVATA.** Xogħol tekniku li jistabbilixxi formola għall-kalkolu attwarjali ta' pensjonijiet supplimentari se titlesta f 'Novembru. Sa Diċembru se tiġi adottata Deċiżjoni Ministerjali. |
| (j) tnaqqis fil-marġnijiet tal-profitt tal-bejjiegħa farmaċewtiċi bl-ingrossa biex jikkonverġu lejn il-limitu massimu ta' 5 %; | **OSSERVAT.**<br>Il-Liġi 4052/2012 ġiet adottata mill-Parlament. |
| (k) il-proċeduri meħtieġa ta' sejħiet għall-offerti biex tiġi implimentata sistema tal-informazzjoni tal-kura tas-saħħa komprensiva u uniformi (sistema tas-saħħa elettronika); | **OSSERVATA U GĦADDEJJA.** Ġew imnedija sejħiet għall-offerti iżda l-proċess għadu ma ġiex iffinalizzat. |
| (l) il-ħatra tal-konsulenti kollha legali, tekniċi u finanzjarji għall-privatizzazzjonijiet ippjanati għall-2012 u l-2013. | **OSSERVATA PARZJALMENT.** Il-ħatra ta' konsulenti għall-EAS għadha pendenti. |

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 2(9)*** Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Ġunju 2012: | |
| (a) il-finalizzazzjoni tal-analiżi tal-programmi tal-infiq pubbliku. Din l-analiżi għandha tissejjes fuq assistenza teknika esterna u tiffoka fuq il-pensjonijiet u t-trasferimenti soċjali (b'mod li jippreserva l-protezzjoni soċjali bażika), infiq fuq id-difiża mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tad-difiża tal-pajjiż u r-ristrutturar tal-amministrazzjonijiet ċentrali u lokali; razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-infiq farmaċewtiku u operazzjonali tal-isptarijiet, u tal-benefiċċji fi flus għall-benessri se jiġu speċifikati wkoll; | **GĦADDEJJA.** Kepe wettqet reviżjoni dwar l-infiq pubbliku li tirrifletti riżultati konkreti li l-Gvern uża bħala parti mill-miżuri adottati fil-pakkett fiskali. |
| (b) l-adozzjoni ta' riforma fit-taxxi li tissimplifika s-sistema tat-taxxi, telimina l-eżenzjonijiet u l-iskemi preferenzjali, li tinkludi t-twessigħ tal-bażijiet, biex b'hekk tippermetti tnaqqis gradwali fir-rati tat-taxxi hekk kif il-prestazzjoni tad-dħul titjieb. Din ir-riforma hija relatata mat-taxxi fuq id-dħul personali, it-taxxi fuq id-dħul korporattivi u l-VAT, it-taxxi fuq il-proprjetajiet, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet soċjali, u se żżomm il-piż relattiv tat-taxxi mit-taxxi indiretti; | **MHUX OSSERVATA. PROGRESS LI SAR.** Diskussjonijiet estensivi u dettaljati dwar il-parametri prinċipali u L-impatt baġitarju tar-riforma tat-taxxa fuq id-dħul PIT u CIT. Iċċirkolat leġiżlazzjoni dwar PIT, CIT u sanzjonijiet, u wisq probabbli se tiġi approvata sal-aħħar ta' Diċembru 2012. |
| (c) ir-reviżjoni tal-valuri legali tal-proprjetà immobbli biex jiġu allinjati aħjar mal-prezzijiet tas-suq; | **MHUX OSSERVATA. PROGRESS LI SAR.** Skont il-Bank tal-Greċja, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-proprjetà fl-2011 u l-2012 naqqsu de facto id-diskrepanza bejn il-prezzijiet u l-valuri legali bi 80%. Għalhekk, l-Awtoritajiet iffukaw l-isforzi tagħhom fuq proċess dinamiku li jaġġorna fil-ħin il-valuri legali lejn il-prezzijiet tas-suq. Il-Ministeru tal-Finanzi beda it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proċedura standard għal reviżjoni tal-valuri legali. Ġiet abbozzata emenda tkun għat-tqegħid tar-responsabbiltà rispettiva fid-Direttorju ta' Tassazzjoni Kapitali. Dan il-proċess ġdid se jnaqqas l-indħil politiku li fid-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-proprjetà immobbli għall-finijiet ta' taxxa. |
| (d) d-diskontinwazzjoni ta' ħlasijiet fi flus u f'ċekkijiet fl-uffiċċji tat-taxxi li għandhom jiġu sostitwiti minn trasferimenti bankarji, sabiex il-ħin tal-persunal jinħeles biex ikunu jistgħu jiffokaw fuq xogħol li għandu valur akbar (awditjar, infurzar tal-ġbir u l-għoti ta' pariri lill-kontribwenti fiskali); | **MHUX OSSERVATA. PROGRESS LI SAR.** Ġew identifikati t-tibdiliet istituzzjonali neċessarji u l-azzjoni meħtieġa u għaddej il-proċess biex jiġu kkompletati dawn il-kompiti. Biex titlesta sa Diċembru 2012. Għaddejja ħidma biex jitlesta l-ħlas ta'djun ivvalutat permezz tas-sistema bankarja li għandha titlesta sal-aħħar ta' Ottubru. Din se tinkludi djun li huma taħt pjanijiet ta' pagament (bħalissa l-maġġoranza minħabba l-kriżi). |
| (e) tnaqqis bi 12%, fil-"pagi speċjali" tas-settur pubbliku, li għalihom l-istruttura l-ġdida tal-pagi ma tapplikax. Dan se japplika mill-1 ta' Lulju 2012 u se jirriżulta f'iffrankar ta' mill-anqas EUR | **OSSERVAT.** Il-gvern adotta f 'Novembru t-tnaqqis f'reġimi tal-pagi speċjali; dawn |

| | |
|---|---|
| 205 miljun (netti wara li jitqies l-impatt fuq it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali); | ġew inklużi fil-kont Omnibus (Paragrafu C.1/13-39). Għalkemm dak it-tnaqqis għandu jidħol fis-seħħ f 'Ġunju u mhux f' Novembru, dawn isiru b'mod retroattiv mill-1 ta'Awwissu 2012. |
| (f) deċiżjonijiet li jipprevedu Regolament ta Iimplimentazzjoni tal-SPPA;; l-SPPA tibda topera biex taqdi l-mandat, l-għanijiet, il-kompetenzi u s-setgħat tagħha kif iddefiniti fil-liġi dwar l-SPPA u l-Pjan ta' Azzjoni miftiehem mal-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2010; | **MHUX OSSERVATI. PROGRESS LI SAR** Id-deċiżjonijiet rigward il-ħatra tal-membri tal-bord SPPA, għall-istabbiliment ta' pożizzjonijiet għall-persunal tal-SPPA, kif ukoll id-Digrieti Presidenzjali dwar ir-regoli tal-operat tal-SPAA (PD 122/2012; FEK A 215/5.11.2012) u dwar l-organizzazzjoni tal-SPAA (PD 123/2012; FEK A 216/5.11.2012) ġew adottati kollha. Id-Digriet Presidenzjali ir-regolament finanzjarju tal-SPPA se jkun lest f' Novembru.<br><br>**OSSERVATI.**<br>Ikunu nħatru l-membri tal-Bord u 7 persunal (5 avukati, 2 inġiniera) ikunu ġew trasferiti lill-Awtorità minn diversi korpi tas-settur pubbliku Grieg (sa nofs Settembru 2012). Skont id-Digriet Presidenzjali dwar l-organizzazzjoni tal-SPPA, għandu jkun issekondat iktar persunal lill-Awtorità sabiex ikun żgurat li ssir totalment operazzjonali. L-SPPA bħalissa qed tikkondividi l-bini tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummerċ Grieg u se tiġi trasferita għal bini ġdid aktar tard fl-2012. L-awtoritajiet Griegi għandhom jiżguraw li t-trasferiment tal-SPPA għall-bini l-ġdid tagħha iseħħ f'ħin opportun. Barra minn hekk, minn nofs Settembru, l-SPPA kienet adottat 27 deċiżjoni negattivi kontra l-adozzjoni ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni fis-settur tal-kura tas-saħħa. |
| ***l-Artikolu 2(10).*** Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Settembru 2012: | |
| (a) abbozz ta' baġit għall-2013 skont il-mira ta' surplus primarju stabbilit fl-Artikolu 1(2); | **OSSERVAT** |
| (b) regoli u proċeduri għal kuntratti ta' akkwist/qafas ċentralizzati għal provvisti jew servizzi li jiġu akkwistati ta' spiss fil-livell tal-gvern ċentrali bl-obbligu għall-ministeri u l-korpi tal-gvern ċentrali li r-rifornimenti jkunu skont dawn il-kuntratti u użu fakultattiv għall-entitajiet reġjonali. | **MHUX OSSERVATI.** |